MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 372/2012

Creek **Developments p.l.c**

**Vs**

**Christian Mangion**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici, is-somma ta’ erbat elef tlett mija u disghin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€4390.63) rapprezentanti l-prezz kumplessiv ta’ berthing fees u servizzi ta’ dawl u ilma ghall-opra tal-bahar “Anchor Song” proprjeta’ ta’ l-intimat fil-marina tas-socjeta’ attrici bejn l-ewwel ta’ Jannar, 2011 sas-27 ta’ Marzu, 2012 u dan skond l-invoices hawn annessi u mmarkati bhala Dok CD1 sa Dok CD12.

Bl-ispejjez komprizi l-ittra interpellatorja tat-23 ta’ Settembru, 2011, l-ittra ufficjali 166A tat-18 ta’ Jannar, 2012, tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data ta’ kull invoice sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut huwa minn issa ngunt biex jidher in subizzjoni.

Rat li fis-seduta tal-24 ta’ Frar, 2014 il-konvenut, debitament notifikat, ma deherx u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tal-10 ta’ Marzu, 2014, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici, is-somma erbat elef tlett mija u disghin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€4390.63), bl-ispejjez komprizi l-ittra interpellatorja tat-23 ta’ Settembru, 2011, l-ittra ufficjali 166A tat-18 ta’ Jannar, 2012, tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur u bl-imghax legali mid-data ta’ kull invoice sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------